31988R1609



# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) NRU 1609/88
## tad-9 ta' Ġunju 1988
## li jesiġi l-aktar żmien tard tad-dħul fil-ħażna ta' butir mibjugħ permezz tar-Regolamenti (KEE) Nru 3143/85 u (KEE) Nru 570/88

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organiżzazzjoni komuni fis-suq tal-ħalib u prodotti tal-ħalib [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1109/88 [2], u partikolarment l-Artikolu 6(7) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolamenet tal-Kunsill (KEE) Nru 985/68 tal-15 ta' Lulju 1968 li jesiġi r-regoli ġenerali għall-intervent fis-suq ta' butir u krema [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 842/88 [4], u partikolarment l-Artikolu 7a tiegħu,

Billi skond l-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3143/85 tal-11 ta' Novembru 1985 dwar il-bejgħ bi prezz imnaqqas ta' intervent il-butir intenzjonat għal konsum dirett fil-għamla ta' butir ikkonċentrat [5], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 775/88 [6], u permezz ta' l-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 570/88 tas-16 ta' Frar 1988 dwar il-bejgħ ta' butir bi prezzijiet imnaqqsa u l-għoti ta' għajnuna għal butir u butir ikkonċentrat għall-użu fil-manifattura ta' prodotti tal-ħelu, ġelati u oġġetti oħra ta' l-ikel [7], kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 949/88 [8], il-butir impoġġi għal bejgħ għandu jittieħed fil-ħażna qabel id-data li għandha tkun iddeterminata; billi din id-data hija esiġita fuq il-bażi tat-tendenza tal-ħażniet u l-kwantitajiet disponibbli;

Billi wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KEE) Nru 570/88 imsemmi hawn fuq, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1726/84 tat-18 ta' Ġunju 1984 li jiddetermina l-limitu taż-żmien għad-dħul fil-ħażna ta' butir mibjugħ skond ir-Regolamenti (KEE) Nru 262/79 u (KEE) Nru 3143/85 [9], kif l-aħħat emendat bir-Regolament (KEE) Nru 685/88 [10], għandu jkun imħassar;

Billi l-miżuri li hemm dispożizzjoni dwarhom f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għal Ħalib u Prodotti tal-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-butir li hemm riferenza dwaru fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KEE) Nru 3143/85 kellu jkun ġie mdaħħal għal ħażna qabel l-1 ta' Jannar 1987.

Il-butir li hemm riferenza dwaru fl-Artikolu 1 tar- Regolament (KEE) Nru 570/88 kellu jkun ġie mdaħħal għal ħażna qabel l-1 ta' Jannar 1987.

*Artikolu 2*

Ir-Regolament (KEE) Nru 1726/84 huwa mħassar.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-9 ta' Ġunju 1988.

*Għall-Kummissjoni*

Frans ANDRIESSEN

*Viċi-President*

---

[1] ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 13.
[2] ĠU L 110, tad-29.4.1988, p. 27.
[3] ĠU L 169, tat-18.7.1968, p. 1.
[4] ĠU L 87, tal-31.3.1988, p. 4.
[5] ĠU L 298, tat-12.11.1985, p. 9.
[6] ĠU L 80, tal-25.3.1988, p. 31.
[7] ĠU L 55, ta' l-1.3.1988, p. 31.
[8] ĠU L 92, tad-9.4.1988, p. 43.
[9] ĠU L 163, tal-21.6.1984, p. 28.
[10] ĠU L 71, tas-17.3.1988, p. 26.